*- Korrezzjoni Att tat-Twelid –*

*- Direttur Registru Pubbliku -*

*- Dejjem Maghruf b'tali kunjom -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 215/02/RCP**

**Jesmond Manicolo**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn gie premess:

Illi fic-cettifikat tat-twelid tal-attur fil-kolonna intitolata ‘Isem u kunjom missier it-tarbija’ hemm indikati l-isem u l-kunjom “Michael Mannicolo”

IlIi fl-istess certifikat fil-kolonna bit-titolu ‘isem u kunjom l-omm’ hemm indikati “Mary wife of said Michael Mannicolo”

Illi fil-kolonna intitolata “Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” hemm indikat l-isem “Joseph Mannicolo”.

Illi l-kunjom korret tal-fuq imsemmija Michael Mannicolo u Joseph Mannicolo huwa ‘Manicolo’

Illi allura l-indikazzjoni tal-kunjom Mannicolo fl-imsemmi certifikat tat-twelid huwa skorrett u ghandu jaqra ‘Manicolo’.

Illi fil-fatt fic-certifikat tat-twelid ta’ missier l-attur il-kunjom hemm indikat korrettament il-kunjom Manicolo.

L-istess attur ghalhekk talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tordna illi ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens illi fil-kolonna intitolata “isem u kunjom missier t-tarbija” il-kelma “Mannicolo” tinbidel bil-kelma ‘Manicolo’;

2. Tordna illi ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens illi fil-kolonna intitolata 'Isem u kunjom l-omm' il-kelma 'Mannicolo' tinbidel bil-kelma 'Manicolo';

3 Tordna illi ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens illi fil-kolonna intitolata 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' il-kelma 'Mannicolo' tinbidel bil-kelma 'Manicolo'.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat it-talba tal-attur tas-6 ta' Dicembru 2001 fejn talab li jinghata l-beneficcju gratuiti, w id-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Dicembru 2001 fejn ikkonfermat ir-relazzjoni favorevoli ta' l-Avukat ghall-Ghajnuna Legali u hekk laqghet it-talba billi assenjat lir-rikkorrent lill-Dr Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Marzu 2002.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 18 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi ghandu isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi l-attur ghandu jgib provi dokumentarji konvincenti li juru l-kunjom tieghu miktub bil-mod li huwa qieghed jippretendi partikolarment in vista tal-fatt li missier l-attur Michael iffirma kunjomu fid-dikjarazzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bhala "Mannicolo";

4. Illi l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbal tallum fejn Dr Beppe Fenech Adami irrimetta ruhu ghall-atti processwali u l-attur bil-gurament tieghu ikkonferma d-dikjarazzjoni attrici.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. IL-MERTU TAL-KAWZA.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 1239/1969 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom "Manicolo" u mhux "Mannicolo" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur stess. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tordna ilIi ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens illi fil-kolonna intitolata "isem u kunjom missier t-tarbija" il-kelma "Mannicolo" tinbidel bil-kelma 'Manicolo'

2. Tordna illi ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens iIli fil-kolonna intitolata 'Isem u kunjom l-

omm’ il-kelma ‘Mannicolo’ tinbidel bil-kelma ‘Manicolo’;

3 Tordna illi ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur fis-sens illi fil-kolonna intitolata ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ il-kelma ‘Mannicolo’ tinbidel bil-kelma ‘Manicolo’.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta’ Mejju 2002**

**Josette Demicoli**

**Deputat Registratur.**
**21 ta' Mejju 2002**